# MISSION4CHANGES – 'POLICY' GĦALL-KLIJENT U DONATURI

Aġġornata 2 ta' Jannar 2026

---

**Ġenerali**

1. Il-klijenti kollha huma milqugħa ġewwa l-Mission4Changes charity shop, 246, Triq Żabbar, Fgura u huma trattati b'kurteżija.

2. Il-ħinijiet tal-ftuħ huma mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-disgħa ta' filgħodu sat-tmienja ta' fil-għaxija (9am - 8pm), is-Sibt mid-disgħa ta' filgħodu sa' l-erba' (9am -4pm), u l-Ħadd mill-għaxra ta' filgħodu sa' l-erba' (10am -4pm). Niftħu fil-festi pubbliċi apparti fil-Milied, l-għada tal-Milied, fl-Ewwel tas-Sena, fl-Għid u fil-Ġimgħa l-Kira. Il-ħinijiet tal-ftuħ jinstabu wkoll fuq il-Google.

3. Il-'location' tal-ħanut huwa disponibbli fuq il-paġna tal-Facebook jew ikteb 'Mission4Changes charity shop' fuq Google u titla' awtomatikament.

**Ilmenti u Suġġerimenti**

4. Il-klijenti kollha għandhom id-dritt biex jgħaddu ilment jew suġġeriment. Dawn jistgħu jiġu milqugħa fil-ħanut tal-karita' waqt il-ħinijiet tal-ftuħ, fil-kaxxa li hemm fuq il-post. Jekk ma tkunx taf fejn tista' tistaqsi lil min ikun responsabli dakinhar fuq il-'cashpoint'. Il-formoli jinstabu fil-ħanut stess.

5. Il-klijenti jistgħu jgħaddu l-ilmenti jew suġġerimenti barra il-ħinijiet tal-ftuħ billi jibgħatu email fuq admin@mission4changes.org. Jekk mhux possibbli li tibgħatu email, tistgħu tibgħatulna bil-Whatsapp fuq +356 99476526.

6. L-ilmenti u s-suġġerimenti kollha huma tratti b'kunfidenzjalita' u huma indirizzati minnufih.

**Ħlasijiet**

7. L-oġġetti kollha fil-ħanut huma pprezzati. Jekk għal xi raġuni oġġett ma jkunx ipprezzat, jew ma tkunx tista' issibu, tista' issaqsi għall-prezz lil min ikun hemm jieħu ħsieb dak il-ħin.

8. L-ebda persuna mhu permessa li tieħu kwalunkwe oġġett fuq l-idejn jew bid-dejn.

9. Ħlas huwa aċċettat bi flus kontanti, bil-Card (ePos), bir-Revolut, BOV Mobile Pay jew b'PayPal mill-websajt www.mission4changesonline.org.

10. Irċevuta tal-ħlas hija provduta.

11. Kwalunkwe oġġett li jiġi imkisser irid jitħallas. Tnaqqis fuq l-ipprezzar jista' jiġi meqjus fid-diskrezzjoni tal-'management' tal-ħanut tal-karita'.

**Annimali u Tfal**

12. Il-ħanut jilqa' wkoll trabi, tfal żgħar u annimali sakemm ikunu mal-gwardjani jew ġenituri. Il-ħanut ma jieħux responsabbiltà għal ebda tkissir jew aċċident li jiġri waqt li t-trabi, tfal żgħar jew annimali jitħallew waħedhom.

13. Kwalunkwe oġġett li huwa mkisser mit-trabi, tfal żgħar jew annimali irid jitħallas. Tnaqqis fuq l-ipprezzar jista' jiġi meqjus fid-diskrezzjoni tagħna skont l-inċident.

**Garanziji**

14. L-oġġetti kollha li jkunu fil-ħanut huma użati jew 'after-sales' – iġifieri huma prodotti ġodda iżda ma kienux mibjugħa fil-ħwienet.

15. Aħna ma noffrux garanziji fuq l-oġġetti tagħna.

16. L-oġġetti kollha li jittieħdu barra mill-ħanut huma 'non-refundable'. Tista' tirritorna affarijiet mixtrija sa żmien massimu ta' 14 il-ġurnata u billi turi l-irċevuta tal-ħlas. Affarijiet oħra ta' l-istess valur jistgħu jittieħdu mingħajr ħlas ieħor, jew jingħata kreditu skont l-ammont ta' l-affarijiet kif ikun indikat fl-irċevuta tal-ħlas. Ma jingħata l-ebda kumpens jew ħlas bil-kontanti. Oġġetti li jinstabu diffettużi jew imqatta' u li ma kienx magħruf mill-klijent, jistgħu jiġu rritornati u oġġetti oħra ta' l-istess valur jistgħu jittieħdu mingħajr ħlas ieħor jew jingħata kreditu skont l-ammont ta' l-affarijiet kif ikun indikat fl-irċevuta tal-ħlas.

17. Aħna ma noffrux ritorn fuq ħwejjeġ.

**Saħħa u Sigurtà**

18. F'każ mitlub minn xi awtoritajiet tas-saħħa, iridu jintlibsu maskli qabel ma tidħlu u tridu tibqgħu biha l-ħin kollu li tkunu fil-ħanut.

19. Il-klijenti huma mħeġġa jużaw is-sanitizer ta' l-idejn meta tidħlu fil-ħanut tal-karità.

20. Il-passaġġi kollha għandhom jinżammu miftuħa.

21. Il-ħanut tal-karità għandu jinżamm dejjem nadif u ordnat.

**Donazzjonijiet t'affarijiet**

22. Jekk tixtieq tagħti donazzjoni ta' xi affarijiet pero ma tistax tiġi bihom, tista' ċċempel il-ħanut tal-karità fuq +35699476526 waqt il-ħinijiet tal-ftuħ jew tibgħat ritratt ta' x'irid jinġabar u l-indirizz minn fejn għandhom jinġabru. Aħna imbagħad ninfurmawk jekk hux se niġu niġbruhom aħna u nagħmlu appuntament miegħek għall-ġbir. Il-Ħanut tal-Karita' jirriserva d-dritt li jirrifjuta wieħed, xi wħud jew l-oġġetti kollha li tixtieq tagħti donazzjoni, speċjalment jekk dawn ma jinbiegħux fil-ħanut tagħna.

23. Tista' wkoll iġġib l-affarijiet fil-ħanut tal-karità waqt il-ħinijiet tal-ftuħ mingħajr avviż iżda l-Ħanut tal-Karita’ jirriserva d-dritt li jirrifjuta wieħed, xi wħud jew l-oġġetti kollha li tixtieq tagħti donazzjoni, speċjalment jekk dawn ma jinbiegħux fil-ħanut tagħna.

24. Ma nħeġġux li tħallu affarijiet barra meta l-ħanut ikun magħluq. Għalkemm għandna il-kameras barra, m'għandniex il-mezzi biex nissorveljaw is-siegħat kollha.

25. L-affarijiet mogħtija bħala donazzjoni fil-prinċipju ma jiġux ritornati lura. Wieħed xorta jista’ jitlob il-possibbiltà li jirriklama l-affarijiet mogħtija. Jekk l-affarijiet ma jinbiegħux u jekk ikunu traċċabbli, nagħmlu l-għalmu tagħna biex nirritornawhom lura lilkom. Minkejja dan, m’aħnix responsabbli jekk l-affarijiet li tkunu ħallejtu donazzjoni u triduhom lura ma jinstabux. Ir-responsabilita’ kollha tad-donazzjonijiet ta’ affarijiet taqa’ kollha fuq id-donatur u passi legali jittieħdu f’każ ta’ aggressjonijiet.

26. Ma noffrux ħlas għall-affarijiet li tħallu bħala donazzjoni. Lanqas ma npartu l-affarijiet li jkollna għall-bejgħ ma dawk li ġġibulna bħala donazzjoni.

27. Tingħata l-ircevuta għall-affarijiet li tħallu bħala donazzjoni.

**Donazzjonijiet Kontanti**

28. Donazzjonijiet kontanti jintlaqħu biss jekk bl-irċevuta u sa massimu ta’ elfejn euro. Mhux permess donazzjonijiet mingħajr l- irċevuta jew fuq barra tal-binja tagħna.